VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,067, 9 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 322 tal-2018

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP.123)

Regoli tal-2018 li jemendaw ir-Regoli Dwar it-Tnaqqis meta l-Impjant u l-Makkinarju jitkabar bl-Użu Ordinarju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli tal-2018 li jemendaw ir-Regoli Dwar it-Tnaqqis meta l-Impjant u l-Makkinarju jitkabar bl-Użu Ordinarju u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli Dwar it-Tnaqqis meta l-Impjant u l-Makkinarju jitkabar bl-Użu Ordinarju, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.01.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2018 u għandhom japplikaw għall-inġenji tal-arju akkwistati fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara.

Temenda l-Iskeda mar-regoli prinċipali.

2. Kategorija 7 tal-Iskeda tar-regoli prinċipali, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Kategorija	Snin
"7. *Airframe* tal-inġenji tal-ajru, magni tal-inġenji tal-ajru, *overhaul* tal-magna jew *airframe* tal-Inġenji tal-ajru u l-intern tal-Inġenji tal-ajru u partijiet oħra	4".